MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2007

Talba Numru. 16/2006

**CT Park Ltd (C27842)**

**Vs**

**Michael Xuereb**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tas-socjeta` attrici tad-9 ta' Dicembru 2005 li permezz tieghu ippromettiet u talbet illi l-konvenut nehha 'clamp' minn fuq ir-rota tal-vettura tieghu EAK 593 Peugot 306, minghajr il-kunsens tas-socjeta` attrici u dan meta kienet ipparkjata f'zona ta' 'clamping' fil-grounds ta' l-isptar San Luqa u telaq minn fuq il-post minghajr ma hallas il-multa ta' tletin Liri Maltin (Lm30), ma rritornax il-clamp li kienet imwahhla mar-rota tal-vettura tieghu li ghandhom valur ta' hamsin Liri Maltin (Lm50. Bl-ispejjes u bl-imghax.

Ra r-Risposta tal-konvenut tal-10 ta' Mejju 2006 li permezz taghha eccepixxa illi t-Talba fil-konfront tieghu hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, stante li ma huwa dovut l-ebda ammont da parti tal-konvenut versu s-socjeta` attrici. Illi t-talba tas-socjeta` attrici fil-konfront tal-konvenut ghandha tigi respinta bl-ispejjes kollha kontra s-socjeta` attrici. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz ;

Sema` x-xhieda prodotti mis-socjeta` attrici u ha konjizzjoni tad-dokumenti minnhom pprezentati ;

Sema` lill-konvenut ;

Ra illi l-kawza thalliet ghat-30 ta' Ottubru 2006 ghall-provi tal-konvenut, f'liema seduta la deher il-konvenut u lanqas id-difensur tieghu ;

Ra l-verbal tas-seduta tat-30 ta' Ottubru 2006 fejn il-kawza thalliet ghall-ahhar darba ghal konkluzjoni tal-provi tal-konvenut u ghat-trattazzjoni finali bl-intendiment car li wara dik is-seduta, il-kawza tithalla ghas-sentenza.

Ra illi fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2006 rega` la deher il-konvenut u lanqas id-difensur tieghu, u ghalhekk il-kawza thalliet ghad-decizjoni ghall-lum fuq il-provi li kien hemm ;

Ikkunsidra :

Illi s-socjeta` attrici qed titlob minghand il-konvenut hlas ta' tmenin Liri Maltin (Lm80) rapprezentanti in kwantu ghal tletin Liri Maltin (Lm30) talli nehha clamp fuq ir-rota tal-vettura EAK – 593 tat-tip Peugeot meta ma kienx awtorizzat u in kwantu ghal hamsin Liri Maltin (Lm50) valur tal-clamp illi l-konvenut ma rritornax lis-socjeta` attrici.

Illi John Gatt – li dak iz-zmien ta' l-allegat clamping tal-vettura de quo kien jamministra l-process tal-clamping tas-socjeta` attrici fil-grounds ta' l-Isptar San Luqa – xehed (13.06.06) illi kien hu illi kklampja l-vettura ndikata fl-Avviz ghal habta tal-11.00a.m. u nofs siegha wara meta rega` ghadda minn hdejn il-vettura "*skoprejt illi l-vettura illi*

*kont ikklempjajt ma kienitx qeghda f'postha bil-clamping b'kollox*".

Xehed Darren Azzopardi, Services Manager tas-socjeta` attrici u esebixxa dokumenti relattivi, inkluz stima ta' l-ispiza biex tigi sostitwita clamp li tlahhaq is-somma ta' tmienja u erbghin Liri Maltin u wiehed u hamsin centezmu (Lm48.51), eskluz VAT ;

Fix-xhieda tieghu, il-konvenut (20-09-06) jichad illi waqqaf il-vettura fir-ring road ta' l-Isptar f'dik il-gurnata ndikata, anke jekk jikkonferma illi dak in-nhar mar l-Isptar bil-mara tieghu, u jsemmi l-istess hin indikat fir-rapport tal-clamping services.

Il-konvenut (fol 23) jghid illi "*kien hemm granet ohra meta nzilt mill-karozza, pero` mhux f'dik il-gurnata. Ghalkemm ma niftakarx il-gurnata, nista` nghid illi kien gurnata jew tnejn qabel ma rcevejt telefonata mill-Ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun. Nikkonferma wkoll illi jien kont qed insuq il-vettura ndikata*".

Pero` qabel, l-istess konvenut xehed "jiena niftakar illi wara xi jumejn, min din il-gurnata tal-appuntament tal-mara, (u l-konvenut kien ghadu kemm qal illi ma nizilx mill-vettura u ma pparkjax fil-precenti ta' l-Isptar), ircevejt telefonata minghand l-Ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun…………"

Illi dan kollu jmur biex juri illi l-konvenut ma kienx kredibbli fil-versjoni minnhu moghtija u t-Tribunal ma jsibx ix-xhieda tieghu b'sahhitha bizzejjed sabiex jikkuntarja u jxejjen il-provi migjuba mis-socjeta` attrici.

Illi l-verzjoni attrici tidher, almenu fuq livell ta' probabbilita` aktar b'sahhitha u attendibbli.

Ghaldaqstant it-Tribunal, wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u ha konjizzjoni tal-provi kollha prodotti, b'ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi jilqa` t-talbiet attrici u filwaqt illi jirrispingi r-risposta tal-konvenut, jikkundanna lill-istess

konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ tmenin Liri Maltin (Lm80), bl-ispejjes u bl-imghax kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------